Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Nru. 30/2015

**Kaptan Massimiliano Bani** (passaport Taljan numru AA2604912)

**vs**

**Highland Lassie Limited** (C 60884) **u Idroj Limited** (C 65456)

22 ta' Settembru, 2017.

1. Permezz ta' rikors preżentat skont l-artikolu 75(2) tal-Kap. 452 l-appellat Kaptan Massimiliano Bani talab lit-Tribunal Industrijali jiddikjara u jiddetermina li t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu kienet waħda nġusta bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 452 u l-Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta, jillikwida l-ammont dovut mill-kumpanniji konvenuti lilu għal tali terminazzjoni, jiddikjara u jiddeċiedi li l-kumpanniji konvenuti, jew min minnhom, huma debituri tar-rikorrenti għal pagi u salarji, allowances, bonuses, u ferjat mhux mittieħed dovut lir-rikorrent bħala kaptan, u jikkundanna lill-konvenuti jħallsu lir-rikorrenti l-ammonti likwidati fit-talbiet preċedenti, bl-ispejjeż. Flimkien mar-rikors promutur ġew eżebiti diversi dokumenti.

2. Il-konvenuta soċjeta Highland Lassie Limited irrispondiet li mhijiex leġittima kontradittur u għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex fil-ġurnata meta r-rikorrent Kaptan ġie ordnat jiżbarka minn fuq il-bastiment 'M/Y Seaflower" proprjetà tas-soċjetà konvenuta l-oħra Idroj Limited, kien ġja, bi ftehim, temm l-ingaġġ tiegħu minn magħha. Inoltre, huwa kien tħallas għax-xogħol kollu li kien għamel fuq il-bastiment "M/Y Frivolous" proprjetà tagħha. Preliminarjament ġie eċċepit in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal Industrijali li jisma' l-każ. Fil-mertu hija eċċepiet imbagħad li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Il-konvenuta l-oħra, Idroj Limited irrispondiet illi in linea preliminari t-Tribunal Industrijali m'għandux il-kompetenza biex jisma' dan il-każ peress li r-rikorrernt għandu jiġi meqjus li ġie ingaġġat bħala baħri kaptan a tenur tal-Kap. 234. Inoltré, bħala punt ta' proċedura, ir-rikorrent beda proċeduri ġudizzjarji fil-Qrati Ċivili ta' Malta fuq l-istess mertu ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kap 234 sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu u jekk ir-rikorrenti

qiegħed jitlob ħlas ta’ pagamenti allegatament dovuti lilu għandu jintavola proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti mhux it-Tribunal Industrijali. Fil-mertu hija eċċepiet imbgħad li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi fl-ewwel udjenza tal-13 t’Ottubru 2014 l-każ ġie differit għall-provi fuq l-eċċezzjonijiet preliminari ssollevati mis-soċjetajiet intimati. Fit-tieni seduta tad-9 ta’ Frar 2015, xehed in eżami u in kontro-eżami **Jonathan Vassallo,** direttur tas-soċjetajiet intimati. Apparti l-provi dokumentarji eżebiti u dokumenti ulterjuri li l-partijiet ġew ordnati jeżebixxu mit-Tribunal, l-partijiet iddikjaraw magħluqa l-provi tagħhom fuq l-eċċezzjonijiet preliminari mqajjma minnhom. Il-każ ġie trattat fl-udjenza tat-2 ta’ Marzu 2015.

5. B’deċiżjoni *in parte* mogħtija fil-5 t’Ottubru 2015, it-Tribunal Industrijali, wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet konċernati ra u eżamina d-dokumenti eżebiti, sema’ u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatt u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ iddijara li t-Tribunal huwa effettivament kompetenti li jisma’ l-kawża odjerna u ordna l-prosegwiment tal-kawża. Konsegwentement, iddeċieda billi filwaqt li **laqa’ l-ewwel eċċezzjoni dwar liema kumpannija hija kompetenti li tidher quddiem it-Tribunal li hija s-soċjetà Idroj Limited biss, ċaħad it-tieni eċċezzjoni dwar il-kompetenza u ordna l-prosegwiment tal-kawża.**

6. Minn din id-deċiżjoni **appellat is-soċjetà Idroj Limited** li ilmentat, ‵*b’parti mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fejn l-istess Tribunal iddeċieda illi għandu kompetenza jisma’ l-kawża dwar terminazzjoni ta’ impieg ta’ baħri li huwa kaptan fuq vapur’.*

7. Illi fit-2 ta’ Diċembru 2015, filwaqt li l-Kaptan Massimiliano Bani wieġeb għall-appell ta’ Idroj Limited, ippropona appell inċidentali skont l-artikolu 240 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Permezz tal-**appell inċidentali** tiegħu huwa ħassu aggravat b’dik il-parti tad-deċiżjoni li permezz tagħha ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni, “*dwar liema kumpannija hija kompetenti li tidher quddiem dan it-Tribunal li hija s-soċjetà Idroj Limited biss”.*

**<u>Provi.</u>**

8. Mill-provi dokumentarji jirriżulta s-segwenti:-
   - Permezz ta’ prokura datata 9 ta’ Lulju 2013 il-konvenuta Highland Lessie Limited reġistrata f’Malta, innominat ħatret u appuntat lir-rikorrent Kaptan Massimiliano Bani bħala mandatarju u Kaptan tal-*yacht* bl-isem “Frivolous”

proprjetà tagħha (fol. 10). Jirriżulta ukoll mill-atti li din il-vettura marittima hi reġistrata f'Malta (fol. 38);

- Effettivament, skont il-lista tal-ekwipaġġ ta' M/Y Frivolous datata 18 ta' Ġunju u Lulju 2013, Massimiliano Bani huwa mniżżel bħala l-Kaptan (fol. 8 u fol. 49). Jirriżulta bħala kaptan ukoll fil-*crew list* tat-30 ta' Mejju 2014 (fol. 50);

- Permezz ta' prokura datata 27 ta' Ġunju 2014 il-konvenuta Idroj Limited inkorporata f'Malta, innominat ħatret u appuntat lir-rikorrent Kaptan Massimiliano Bani bħala mandatarju u Kaptan tal-*yacht* bl-isem "Seaflower" proprjetà tagħha (fol. 12). Jirriżulta ukoll mill-atti li dan ukoll reġistrat Malta (fol. 37);

- Permezz ta' email datata 28 ta' Ġunju 2014, Lord Laidlaw of Rothiemay qal lil Kaptan Massimiliano Bani '*I am very pleased you are taking over Seaflower, and I am sure that you will be a great Captain ....'* (fol. 11). Fl-istess data ġie mniżżel isem il-Kaptan Francesco Boschetti fuq il-*crew list* ta' M/Y Frivolous (fol. 51);

- Skont *official log* eżebit a fol. 55, il-Kaptan Massimo Bani ħa *handover* tal-kmand ta' *M/Y Seaflower* fid-29 ta' Ġunju 2014;

- Fis-16 ta' Lulju 2014 ir-rikorrent irċieva email mingħand Lord Laidlaw of Rothiemay fejn infurmaħ li, '*You are no longer responsible for Frivolous or any of my yachts, so please get away from them and do not communicate in future with me regarding any aspects of my boats.'* (fol. 13)

- Fil-21 ta' Lulju 2014 ġiet revokata l-prokura maħruġa minn Highland Lessie Limited favur il-Kaptan Massimiliano Bani (fol.14);

- Fl-istess data, ossija, fil-21 ta' Lulju 2014, ġiet revokata l-prokura maħruġa minn Idroj Limited favur il-Kaptan Massimiliano Bani (fol. 15);

- Ir-rikorrent dejjem tħallas mill-istess kont ta' *Specialised Transportation Limited* kemm meta kien abbord tal-bastiment *M/Y Frivolous* u kif ukoll meta kien abbord il-bastiment *M/Y Seaflower* (fol. 61 – 65);

9. Illi fid-9 ta' Frar 2015 xehed ukoll **Jonathan Vassallo**, direttur taż-żewġ kumpanniji intimati. Is-sustanza tax-xhieda tiegħu hija s-segwenti: il-Kaptan Bani kien ingaġġat permezz ta' *power of attorney* fuq il-*yacht M/Y Frivolous* proprjetà tal-kumpannija Highland Lassie Limited u f'Ġunju 2014 ġie ingaġġat

permezz ta' *power of attorney* ġdida fuq *yacht* ieħor bl-isem *M/Y Seaflower* proprjetà ta' Idroj Limited u għalhekk fit-30 ta' Ġunju beda jagħmel *handover* lill-Kaptan il-ġdid, Francesco Boschetti,[1] tal-*yacht* M/Y Frivolous. Dawn iż-żewġ *yachts* huma reġistrati f'Malta. Skont ix-xhud Vassallo, il-Kaptan Bani ġie ingaġġat permezz ta' *power of attorney* għaliex jeħtieġ li jirrapreżenta lill-kumpannija f'responsabilitajiet taħt il-bandiera, f'kwistjonijiet ta' manutenzjoni u rappreżentazzjonijiet mal-awtoritajiet tal-port. Madankollu kienet intiża bħala xi ħaġa temporanja għaliex kieku kien ikun hemm kuntratt '*bħal ma ġeneralment ikun hemm f'engagement fiss'*. Ikkonferma li kien Lord Irvine Laidlow personalment li kien jikkomunika mar-rikorrent Kaptan Bani a nom ta' Highland Lassie Limited u Idroj Limited peress li l-*yachts* in kwistjoni huma *pleasure yachts.* Mistoqsi għalfejn ir-revoka tal-prokuri maħruġa miż-żewġ kumpanniji intimati saru fl-istess data, ossija fil-21 ta' Lulju 2014, meta huwa xehed li l-ewwel ġie terminat minn ma Highland Lassie Limited u sussegwentement impjegat ma Idroj Limited, huwa qal li '*ġie terminat għaliex huwa kien konxju li jekk jagħti ħandover lil xi ħadd ovvjament kien jaf li diġa ħa jispiċċa minn hemmhekk u ħa jimmuvja fuq dgħajsa oħra'.* Huwa kompla hekk: '*ir-revocation kienet just a formality biex jiġu in place ir-revoka imma ma jfissirx illi d-data hija rilevanti għal meta spiċċa l-impieg tiegħu ma Highland Lessie.'*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

<u>L-Appell Prinċipali ta' Idroj Limited.</u>

10. Idroj Limited ibbażat l-aggravju fuq żewġ aspetti. Hija tikkontendi li ressqet żewġ eċċezzjonijiet dwar nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal:

- Fl-ewwel lok it-Tribunal Industrijali ma kellux ġurisdizzjoni jew kompetenza li jikkunsidra t-talba tar-rikorrent in vista tal-fatt li skont il-fehma tagħha il-kwistjonijiet ta' tkeċċija ta' baħri inkluż kaptani li jaħdmu fuq vapuri huma speċifikament esklużi mill-Kap. 452 u huma regolati speċifikament mill-Kap. 234; u

- Inoltre, it-Tribunal Industrijali ma kellux ġurisdizzjoni jew kompetenza li jikkunsidra t-talba tar-rikorrenti stante li l-proċeduri odjerni ġew intavolati in segwitu għal rikors għall-ħruġ ta' miżura kawtelatorja skont l-Artikolu 37 tal-Kap 234 għas-somma prelikwidata ta' €110,000 li kellha tiġi segwita b'kawża għad-danni quddiem il-Qrati Ċivili.

[1] Fol. 39

11. Rigward l-ewwel eċċezzjoni tilmenta minn dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal iddeċieda s-segwenti:

> *'dwar il-kompetenza, it-Tribunal jirrileva li dan ir-rikors huwa bbażat fuq l-artikolu 75 tal-Kap 452 dwar tkeċċija nġusta. L-appellant jsostni illi l-artiklu tnejn (2) tal-Kap 234 jistipula x'inhu baħri u jgħid speċifikament li baħri jinkludi kull persuna barra (master), bdot u apprendist ... It-Tribunal jagħmel referenza għall-artiklu 99 tal-istess Kap 234 fejn jagħti speċifikament rimedju dwar tkeċċija inġusta lill-kaptan pero l-Liġi tieqaf hemm u ma tispeċifikax liema Qorti għandha kompetenza.*
>
> *Tenut kont ta' dan l-artikolu t-Tribunal jiddeċiedi li huwa t-Tribunal li għandu jiddeċiedi fuq tkeċċija inġusta fuq affarijiet relatati ma' Kaptan għax huwa eskluż mid-definizzjoni ta' baħri fl-artikoli tnejn (2) tal-Kap 234 u b'hekk jaqa' taħt l-Kap 452 artiklu ħamsa u sebgħin (75)".*

12. Illi din l-Qorti diġa kellha l-opportunità tippronunzja ruħha fuq dan il-punt ta' dritt. B'deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 2016 fl-ismijiet ***Paolo Cannistraro vs Aria Chartering Limited***, din il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *'5. Fil-każ ta' baħrin impjegati fuq bastimenti, l-Artikolu 39 tal-Kap. 452 jeskludi l-applikazzjoni ta' tlett disposizzjonijiet ta' dik il-ligi. L-Artikoli 36, 37 u 38 tal-Kap. 452 jitrattaw dwar l-avviż u kumpens għal temm ta' kuntratt ta' impieg għal żmien definit jew bla limitu, redundancies kollettivi, u trasferiment ta' negozju. Jipprovdi wkoll li f'każ ta' kunflitt bejn il-provvedimenti tal-Kap. 452 u l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234), għandhom jgħoddu d-disposizzjonijiet tal-Kap. 234.*
>
> *6. Skond l-Artikolu 75(1) tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali:*
>
> *"Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeċiedi –*
>
> *(a) Il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*
> *(b) Il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu."*
>
> *7. Il-qorti ma taqbilx mat-Tribunal Industrijali li fejn si tratta ta' baħrin impiegati fuq bastiment, l-Artikolu 39 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jeskludi l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal. Id-disposizzjoni ma teskludix il-ġurisidizzjoni tat-Tribunal Industrijali għal kull tilwima li fiha jkun involut baħri.*

*8. Inoltre, l-Artikolu 39 jirreferi għal baħrin (seamen). Kaptan ta' bastiment m'huwiex f'dik il-kategorija, u dan kif jirriżulta mid-definizzjoni ta' baħri fl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234)*[2].

*9. Għalkemm fl-Artikolu 99 m'hemm l-ebda riferenza għall-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, ma jfissirx li f'dan il-kaz it-Tribunal Industrijali m'għandux ġurisdizzjoni. Dik id-disposizzjoni titratta dwar in-nomina u tneħħija ta' kaptan u mhux dwar il-ġurisdizzjoni ta' tribunal.'*

...

*12. Skond l-Artikolu 99 tal-Kap. 234:*

*"(1) Il-kaptan jiġi nominat u jista' jitneħħa mis-sid ta' bastiment; u kull ftehim li juri li ma jħallix lis-sid is-setgħa li jneħħi kaptan ma jkollux effett.*

*(2) Kaptan ma jkollux dritt għal ebda kumpens jekk jitneħħa għal raġuni xierqa jew jitneħħa mill-qorti.*

*(3) Kull meta kaptan jitneħħa mingħajr raġuni xierqa hu jkollu, kemm-il darba ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, jedd għal kumpens skont iż-żmien tas-servizz tiegħu mal-bastiment jew ma' sidu u, meta l-kaptan ikun hekk imneħħi matul il-vjaġġ, il-kumpens ma jkunx inqas mill-paga tiegħu għall-vjaġġ kollu u l-ispejjez biex imur lura pajjiżu."*

*13. Għalhekk, kaptan ta' bastiment jista' jitneħħa mis-sid tal-bastiment, igħid x'jghid il-ftehim. Pero' fejn it-tkeċċija tkun mingħajr raġuni xierqa, li għall-qorti tekwivali ghal "tkeċċija inġusta" (Artikolu 75(1) tal-Kap. 452), allura l-kaptan għandu l-jedd jirċievi kumpens skond l-Artikolu 99 tal-Kap. 234. Fil-każ in eżami r-rikorrent ħarrek lill-intimata quddiem it-Tribunal Industrijali għall-ħlas ta' kumpens. Ovvjament fl-ewwel lok irid jiġi determinat jekk it-tkeċċija tar-rikorrent kinitx ġusta. Materja li trid tiġi determinata mit-Tribunal, li skond lArtikolu 75(1) tal-Kap. 452 għandu ġurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeċiedi l-kaz ġialadarba qiegħed jiġi allegat tkeċċija nġusta".*

13. Il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza fuq imsemmija li japplika wkoll għall-każ in eżami. Il-qorti terġa' ttenni li *seaman* (bahri) skont l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234) **ma tinkludix kaptani**, bdoti u apprendisti (ara definizzjoni, artikolu 2 tal-Att). Hu minnu li Kap. 452 ma jatix definizzjoni tal-kelma *'baħri'*. Madankollu l-qorti xorta ma tara l-ebda raguni ghalfejn il-kelma bahri fl-artikolu 39 tal-Kap. 452 ghandha tinghata xi definizzjoni differenti minn dik li hemm fil-Kap. 234. Wara kollox hu l-artikolu 39 tal-Kap.452 li jirreferi ***"għall-baħrin impjegati fuq bastimenti skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili"***. Ladarba hemm

[2] "*kaptan tinkludi kull persuna (barra minn bdot) li jkollha l-kmand jew tkun inkarigata minn bastiment*".

riferenza espressa ghall-Kap. 234, mela loġikament id-definizzjoni ta' 'baħri' għandha tkun konformi ma' dak l-Att.

14. Ladarba kaptan mhuwiex inkluz fid-definizzjoni ta' baħri, l-ewwel parti tal-artikolu 39 tal-Kap. 452 ma tapplikax.

15. Hu t-Tribunal Industrijali li għandu jiddeċiedi jekk kienx hemm raġuni gusta għalfejn tneħħa l-kaptan.

16. Il-Qorti ser tgħaddi biex tqis it-tieni parti tal-aggravju tal-appellanti fejn ilmentat:

> '*it-Tribunal Industrijali ma kkunsidrax l-argumenti illi ressqu s-soċjetajiet intimati f'dan ir-rigward u ċioé li t-Tribunal Industrijali m'għandix jikkunsidra kwistjoni li indubbjament hija kawża li fl-essenza tagħha tikkonsisti f'money claim li saret wara li ġiet intavolata azzjoni ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kap 234 u proprju sabiex tkun tista' tibqa fis-seħħ dik l-azzjoni'*.

17. Fir-rikors promotur l-attur qal:

> *"20. Illi r-rikorrent għalhekk talab u ottjena temporanjament il-ħruġ ta' ordni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jiġi projbit kwalsiasi negozju jew trasferimenti fuq il-bastimenti jew l-ishma fil-kumpanniji proprjetarji tagħhom skont l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta bil-għan li jissalvagwardja il-pretensjonijiet tiegħu u jkun jista' jmexxi b'din il-kawża"*.

18. L-artikolu 37 tal-Kap. 234 japplika fejn persuna ***"tivvanta dritt fi jew dwar xi bastiment"***. Subinċiż (10) tal-istess artikolu jipprovdi it-tip ta' pretensjoni li trid tkun sabiex l-attur ikun jista' jirrikorri għall-proċedura kontemplata fl-artikolu 37. Il-pretensjoni tal-attur ma tidhirx li hi waħda minn dawk li tissemma f'subinċiż (10). Il-proċedura li ppropona l-attur mhijiex kontra l-bastiment. Il-fatt li jidher li l-attur ipproċeda wkoll skont l-artikolu 37 tal-Kap.234 ma jfissirx li tilef kwalsiasi drittijiet oħra li għandu skont il-liġi.

19. Il-qorti tirreferi wkoll għall-artikolu 81 tal-Kap. 452 li jipprovdi:

> '*(2) Meta, fuq ilment magħmul skont l-arikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb –*
>
> *(a)* ***f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta****, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel,* ***it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal*** *lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:*
>
> *Iżda,* ***meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis <u>id-danni reali</u> u telfien li jkun bata l-ħaddiem*** *li*

*jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem; ...'*

20. Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Antoinette Vella kontra Care Malta Limited*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru ċitata mill-appellanti stess jingħad is-segwenti:

> *'il-Qorti tirrileva li għalkemm pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali hemm kawża li ppreżentat l-attriċi wara li ntemm l-impieg tagħha – hija tallega inġustament – konsegwenza tal-esitu tal-proċeduri ta' dixxiplinari li kienu istitwiti kontra tagħha .... kull pretensjoni ta' l-attriċi għal pendenzi jew arretrati ta' salarji mhijiex kompetenza tat-Tribunal Industrijali iżda tal-Qrati ordinarji (ara* ***Karmenu Vella vs General Workers Union****, Qorti tal-Appell: 11 ta' Novembru 2011). Għalhekk kien għal kollox leġittimu għall-attriċi li tressaq talba għall-ħlas ta' arretrati ta' salarji quddiem din il-Qorti fl-istess waqt li quddiem it-Tribunal Industrijali għaddej il-każ tagħha fejn qegħda tallega tkeċċija inġusta u qegħda tirreklama kumpens'.*

21. Il-qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn il-pretensjoni tal-konvenut ghal pagi u salarji, *allowances*, *bonuses* u ferjat ma tistax tigi kkunsidrata bħala danni reali.

22. Dan bl-ebda mod ma jimplika li f'każ fejn issir talba li tmur lil' hinn mill-kumpens li t-Tribunal jista' jagħti skont il-Kap. 452, it-Tribunal m'għandux kompentenza jisma' każ ta' allegata terminazzjoni inġusta minn impieg kif qiegħed jiġi allegat mill-appellanta. Ifisser biss illi t-Tribunal ma jistax jilqa' talbiet għal kumpens li jmorru oltré l-kumpens li t-Tribunal għandu l-fakoltà li jakkorda skont il-Kap. 452.

23. Lanqas ma huwa mistħoqq l-aggravju tal-appellanta fis-sens li ladarba r-rikorrent ressaq azzjoni abbażi tal-Artikolu 37 kellu bilfors jipproċedi għall-kreditu skont dak l-artikolu quddiem il-Qorti Ċivili u ma setgħax jadixxi t-Tribunal Industrijali. Il-Qorti ma tarax li din l-miżura kawtelatorja setgħet qatt tipprekludi lir-rikorrent mill-jipproċedi bil-pretensjonijiet odjerni quddiem it-Tribunal Industrijali u tant inqas li dan il-fatt ixejjen il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali mogħtija lilu bil-liġi kif qed tippretendi l-appellanta.

24. Għaldaqstant, l-appell prinċipali ta' Idroj Limited hu miċħud.

**<u>L-Appell Inċidentali tal-Kaptan Massimiliano Bani.</u>**

25. Il-Kaptan rikorrent Massimiliano Bani ippropona appell inċidentali fir-rigward ta' dik il-parti tad-deċiżjoni li laqat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Higland Lassie Limited li ma kinitx il-leġittimu kontradittur, għaliex:

*"kif jispjega r-rikorrenti stess fid-dikjarazzjoni tal-każ tiegħu, fil-ġurnata meta ġie ordnat jiżbarka minn fuq il-bastiment MY Seaflower (li hija proprjeta tas-soċjeta intimata Idroj Limited) kien ġja, bi ftehim, temm l-ingaġġ tiegħu minn mas-soċjeta esponenti Higland Lassie Limited u saħansitra kien waqaf milli jaħdem fuq il-bastiment proprjeta tas-soċjeta esponenti il "My Frivolous". Illi kif ser jiġi spjegat ir-rikorrent tħallas għax-xogħol kollu li huwa għamel fuq il-bastiment My Frivolous u għaldaqstant m'għandux drittijiet u/jew talbiet fil-konfront tas-soċjeta esponenti"*.

26. Fl-appell inċidentali, Bani jsostni li *"l-kumpanniji intimati huma debituri tar-rikorrenti għal pagi u salarji, allowances, bonuses, u ferjat mhux mittieħed dovut lir-rikorrenti bħala kaptan taż-żewġ bastimenti"*.

27. Fil-kawża fl-ismijiet ***Abela Kevin Mark vs S & A Quality Assurance Surveyors Ltd***, din il-Qorti diversament presjeduta ippronunzjat ruħha kif ġej:

> *'id-deċiżjoni tat-Tribubnal (Industrijali) għal dawk li huma kwistjonijiet u **konklużjoni ta' fatt hi finali** u għalhekk taħt dan l-aspett dik id-deċiżjoni mhix ċensurabbli minn din il-Qorti. Hu fil-fatt kriterju direttiv illi jekk il-punt ta' liġi li fuqu sar l-appell jinstab li hu nfondat allura din il-Qorti ta' reviżjoni, skont il-ġurisprudenza konstanti fuq liġijiet oħra li similment jagħtu dritt t'appell lilha fuq punt ta' liġi biss, ma tidħolx biex teżamina l-fatti.'*

28. F'dan il-każ hu evidenti li t-Tribunal Industrijali wasal għal konklużjoni li l-impieg ta' Bani bħala kaptan ta' M/Y Frivoulous, kien ġiet terminat meta ngħata l-kmand tal-bastiment M/Y Seaflower. Fil-fatt ix-xhud Jonathan Vassallo spjega (seduta tad-9 ta' Frar, 2015) kif Bani kien ukoll ta *handover* tal-bastiment M/Y Frivolous lill-kaptan ieħor. Fatt li ma ġiex kontradett. Jirriżulta li fit-28 ta' Ġunju, 2014 intbagħtet email lil Bani li fiha jingħad, *"I am very pleased that you are taking over Seaflower, and I am sure that you will be a great Captain for this wonderful boat"*. Hu evidenti li dak li ġara ma kienx kontra l-volonta' tar-rikorrent għaliex kieku ma kienx jaċċetta l-inkarigu fuq bastiment differenti u kien iħarrek lill-prinċipal tiegħu għal tkeċċija nġusta.

29. Ma tressqet l-ebda prova li wara li Bani kien ingaġġat bħala kaptan tal-bastiment M/Y Seaflower, kien baqa' jaqdi dmirijiet ta' kaptan fuq il-bastiment M/Y Frivolous. Anzi mid-depozizzjoni ta' Vassallo jidher li Bani ma baqax ikollu x'jaqsam mal-bastiment M/Y Frivolous. F'email datata 16 ta' Lulju, 2014 li ntbagħtet lil Bani, jingħad: *"You are no longer responsible for Frivolous or any of my yachts, so please get away from them and do not communicate in future with me regarding any aspects"*. Ir-revoka tal-prokura datata 21 ta' Lulju, 2014 ma jfissirx li l-ingaġġ ta' Bani bħala kaptan fuq il-bastiment kien spiċċa dakinhar. Hu evidenti li t-Tribunal Industrijali kien sodisfatt li l-inkarigu spiċċa qabel, kif wara kollox joħroġ mill-provi.

30. Fid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali jingħad li *"…. huwa t-Tribunal Industrijali li għandu jiddeċiedi fuq tkeċċija nġusta fuq affarijiet relatati ma' kaptan għax huwa esklużmid-definizzjoni ta' baħri fl-artikli tnejn (2) tal-Kap. 234 u b'hekk jaqa' taħt il-Kap. 452 artiklu ħamsa u sebgħin (75)".* Għal dak li jirrigwarda s-soċjeta Highland Lassie Limited hu evidenti li dan ma kienx każ ta' tkeċċija inġusta ġialadarba t-Tribunal ikkonkluda li Idroj Limited kienet il-prinċipal tal-appellat. Għalhekk għal finijiet ta' dawn il-proċeduri ma jistax jingħad li Highland Lassie Limited hi l-leġittimu kontradittur ta' Bani.

31. Isegwi għalhekk li dik il-parti tad-deċiżjoni appellata mill-Kaptan rikorrent ma tistax tiġi ċensurata minn din il-Qorti. Jekk ir-rikorrent kellu xi pretensjoni għal ħlasijiet ta' xi salarji, *allowances* u *bonus* kellu jipproponi proċeduri quddiem il-forum kompetenti, u mhux proċeduri ta' tkeċċija nġusta wkoll kontra Highland Lassie Limited.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-appell prinċipali bl-ispejjeż kontra l-kumpannija l-intimata Idroj Limited u tiċħad l-appell inċidentali tal-Kaptan Massimiliano Bani, bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**L-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali.**

Anthony Ellul.